**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-12 TA' LULJU, 2001**

Kawza Numru 16

Citazzjoni Numru 1162/01 GC

Fl-ismijiet:-

U.C.I.M. Company Limited

vs

Shelving Systems Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mija u sitta u tletin lira (Lm1136) rapprezentanti import ta' 12 kambjali, wiehed ta' Lm25 (bilanc) u l-ohrajn ta' Lm101-il wahda, debitament accettati u skaduti mill Lulju 2000 sa Gunju 2001, u mhux imhallsa, hawn annessi markati bin-numru minn 1 sa 12 konsekuttivament u inkluzivament;

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1136 hu certi, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A;

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) ma ghandhiex dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u (2) hekk tikkundana minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm1136 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, li sat-28 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal Lm41, oltre l-imghax ulterjuri sal-

pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur